**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 23 ta' Settembru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 588/2020 AF**

**J. Bonavia & Nephews Limited (C-25285)**

**vs**

**Zammit Kevin**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Josef Bonavia in rapprezentanza tas-socjetà rikorrenti, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti kienu gew inkarigati sabiex jipprovdu servizzi ta' demolizzjoni u skavar fi proprjetà tal-intimat gewwa Birkirkara.

Relattivament ghal dawn is-servizzi, l-intimat huwa debitur tas-socjetà rikorrenti u li ghandu jhallas is-somma ta' hamsa u

hamsin elf, erba' mija disa' u tmenin Ewro u tlett centezmi (€55,489.03c)(Dok. A).

Ghalkemm l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont minnu dovut, kemm b'ittri legali/interpellatorji datati 7 ta' Awwissu 2019 (Dok. B), 16 ta' Settembru 2019 (Dok. C), kif ukoll permezz ta' Ittra Ufficjali datat 18 ta' Dicembru 2019 liema ittra ufficcjali jgib in-numru 4988/2019 (Dok. D) baqa' inadempjenti.

L-ammont fuq indikat hu cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjetà rikorrenti, l-intimat ma ghandu l-ebda eccezzjoni valida x'jaghti skond il-ligi kontra l-istess talbiet tar-rikorrenti u x'jissoleva f'din il-kawza u dana kif jirrizulta mill-affidavit hawn anness u mmarkat (Dok. E).

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bid-dispensa mis-smiegh tal-provi.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh mill-provi ghal finijiet tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Tiddikjara illi l-intimat huwa cert, veru u likwidu debitur fis-somma ta' hamsa u hamsin elf, erba' mija disa' u tmenin Ewro u tlett centezmi (€55,489.03c) a favur tas-socjetà rikorrenti.

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjetà rikorrenti din is-somma ta' hamsa u hamsin elf, erba' mija disa' u tmenin Ewro u tlett centezmi (€55,489.03c) minnu dovut kif aktar il-fuq spjegat.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorji datati 7 ta' Awwissu 2019, 16 ta' Settembru 2019 kif ukoll l-Ittra Ufficjali numerat 4988/2019 datat 18 ta' Dicembru 2019, kif ukoll l-imghax legali dekoribbli mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-intimat minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi Kevin Zammit minkejja li kien debitament notifikat, baqa' ma deherx biex iwiegeb ghall-kawza.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil Kevin Zammit ihallas lil J. Bonavia & Nephews Limited is-somma ta' hamsa u hamsin elf, erba' mija disa' u tmenin Ewro u tlett centezmi (€55,489.03c), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Kevin Zammit.

IMHALLEF

DEP/REG